32006D0759

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-8 ta' Novembru 2006

li tapprova ċerti programmi nazzjonali għall-kontroll ta' salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus*

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5281)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/759/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 dwar il-kontroll tas-salmonella u aġenti żoonotiċi oħra speċifikati li jinġarru fl-ikel ([1]) u, partikolarment l-Artikolu 6(2) tiegħu;

Billi:

(1) L-għan tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 huwa li jassigura li jittieħdu miżuri xierqa u effettivi għall-individwazzjoni u l-kontroll tas-salmonella u aġenti żoonotiċi oħra fl-istadji rilevanti kollha tal-produzzjoni, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni, partikolarment fil-livell ta' produzzjoni primarja, sabiex titnaqqas il-prevalenza tagħhom u r-riskju li dawn ifissru għas-saħħa pubblika.

(2) Il-mira tal-Komunità ġiet stabbilità għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' kull serotip tas-salmonella b'sinifikat għas-saħħa pubblika f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* fil-livell ta' produzzjoni primarja bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1003/2005 tat-30 ta' Ġunju 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 fir-rigward ta' mira Komunitarja għat-tnaqqis tal-prevalenza ta' ċerti serotipi tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2160/2003 ([2]).

(3) Sabiex il-Komunità tikseb il-mira tagħha l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* u jissottomettuhom lill-Kummissjoni f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

(4) Ċerti Stati Membri ressqu l-programmi nazzjonali tagħhom għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus*.

(5) Dawn il-programmi nstabu li huma konformi mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Komunità Veterinarja u b'mod partikolari mar-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

(6) Il-programmi nazzjonali ta' kontroll għandhom għalhekk jiġu approvati.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI

Artikolu 1

Il-programmi nazzjonali għall-kontroll tas-salmonella f'qatgħat għat-tgħammir ta' *Gallus gallus* imressqa mill-Istati Membri elenkati fl-Anness huma approvati.

([1]) ĠU L 325, 12.12.2003, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1003/2005 (ĠU L 170, 1.7.2005, p. 12).

([2]) ĠU L 170, 1.7.2005, p. 12. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1168/2006 (ĠU L 211, 1.8.2006, p. 4).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2007.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 8 Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Markos KYPRIANOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Il-Belġju

Ir-Repubblika Ċeka

Id-Danimarka

Il-Ġermanja

L-Estonja

Il-Greċja

Spanja

Franza

L-Irlanda

L-Italja

Ċipru

Il-Latvja

Il-Litwanja

L-Ungerija

L-Olanda

L-Awstrija

Il-Polonja

Il-Portugall

Is-Slovenja

Is-Slovakkja

Il-Finlandja

L-Iżvezja

Ir-Renju Unit